# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' Lulju 2001**

**Citazzjoni numru 1142/99 GC**

**Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tal-21 ta' Ottubru 1999, bl-isem tas-socjeta' attrici inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999**

**vs**

**Rees Furniture Company Limited u Carmel u Carmen konjugi Zahra**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, datat 13 ta' April 1992, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u markata bhala Dok. A, is-socjeta' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited, il-facilita' ta' overdraft sal-limitu ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000.00) fuq kont intestat lill-istess socjeta' konvenuta;

Illi, sussegwentement ghal dina l-facilita' koncessa abbazi tal-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi, is-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited rrendiet ruhha debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sittax-il elf, erba' mija u tnejn u disghin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm16,492.82), ammonti rapprezentanti flus lilha avvanzati b'titolu ta' self, fuq Overdraft Account li jgib in-numru tnejn sebgha tnejn tlieta tmienja zero tnejn erbgha erbgha (27 230 0244), skond kif jidher mill-Istatement of Acount li qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. 'B';

Illi inoltre, u separatament ghall-fuq premess, l-istess socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited hija wkoll debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbat elef u wiehed u tmenin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm4081.72), ammont rapprezentanti flus lilha avvanzati b'titolu ta' self tat-tip Overdraft for Regularisation Account, liema kont igib in-numru tnejn sebgha tnejn tlieta tmienja zero tnejn tnejn tmienja (27 328 0228), skond kif jidher mill-Istatement of Account li qed jigi hawn anness u esebiti u mmarkat bhala Dok. C;

Illi s-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' ghoxrin elf hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm20574.54);

Illi permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' April 1992, li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. D, il-konvenut Carmel Zahra dahal bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited ghad-debitu hawn fuq imsemmi sal-limitu massimu ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000.00);

Illi l-konvenuta Carmen Zahra hija wkoll obbligata illi taghmel tajjeb ghall-imsemmi debitu, in kwantu partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn il-konvenut l-iehor Carmel Zahra, u dan sal-limitu massimu ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000.00) kif fuq premess;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti sabiex jeffetwaw il-hlas relattiv, anke permezz ta' ittri gudizzjarji li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. E u Dok. F rispettivament, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissolevaw kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited u lill-konvenuti Carmel u Carmen konjugi Zahra fil-kwalita' taghhom ta' garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited, u dawn ta' l-ahhar fil-limiti u skond il-modalitajiet fuq premessi, sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' ghoxrin elf hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm20574.54) dovuti kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez u imghaxxijiet tat-8% per annum mit-22 ta' Settembru 1998 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingiunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Zahra fejn gie eccepit :-

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li b'kuntratt tas-6 ta' Awissu 1998 fl-Atti tan-Nutar Anthony Attard huma kkuntrattaw is-separazzjoni tal-beni u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom;

Illi hija qatt ma ffirmat u/jew tat il-kunsens lil zewgha biex jiehu xi "overdraft facilities" f'isem Rees Furniture Company Limited u li taghha hija ma ggarantitx personalment u solidalment ma' zewgha u mal-kumpanija ghall-hlas tad-debitu pretiz biex b'hekk hija mhux responsabbli biex thallas kwalsiasi dejn ta' zewgha u/jew ta' kumpaniji minnu gestiti u ghalhekk m'ghandha tghati xejn lis-socjeta attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Carmen Zahra debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-5 ta' Awissu 1999 tas-socjeta konvenuta Rees Furniture Company Limited u tal-konvenut Carmel Zahra li biha l-istees konvenuti ammettew it-talbiet kollha attrici kif dedotti kontra taghhom;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-1 ta' Frar 2000 li permezz taghha giet ridotta it-talba bl-ammont ta' tlett elef mitejn u tmien liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3208.75) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza, b'hekk it-talba giet ridotta ghas-somma ta' sbatax-il elf tliet mija u hamsa u sittin lira maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm17,365.79);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2000;

Ikkonsidrat:

Bl-imsemmija nota tal-5 ta' Awissu 1999 is-socjeta konvenuta Rees Furniture Company Limited u l-konvenut Carmel Zahra ammettew it-talbiet kollha kif dedotti kontra taghhom rispettivament;

Il-konvenuta Carmen Zahra, li tigi mart l-imsemmi konvenut l-iehor Carmel Zahra qed teccepixxi li b'kuntratt tas-6 ta' Awissu 1998 hi u l-imsemmi zewgha kkuntrattaw is-separazzjoni tal-beni u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom. Hi qed teccepixxi li qatt ma tat il-kunsens taghha lil zewgha biex jiehu l-facilitajiet bankarji in kwestjoni u li hi qatt ma ggarantit personalment l-hlas lura tad-debitu in kwestjoni. Ghalhekk il-konvenuta ssostni li mhux responsabbli biex thallas id-dejn in kwestjoni u ghalhekk m'ghandha tghati xejn lis-socjeta attrici;

Jigi rilevat li l-konvenuta naqset li tixhed f'dawn il-proceduri u naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minnha sottomess fl-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet. Giet prodotta biss kopja tal-kuntratt tas-seperazzjoni bejn il-konvenuti konjugu Zahra;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut fit-28 ta' April 1992 iggarantixxa in solidum mas-socjeta konvenuta l-ammonti kollha li setghu eventwalment ikunu dovuti mill-istess socjeta in virtu' ta' faciltajiet bankarji li gew koncessi lill-istess socjeta konvenuta mill-bank attur. F'dak iz-zmien il-konvenut seta jorbot il-komunjoni tal-akkwisti li kienet esistenti bejnu u bejn martu minghajr l-intervent tal-istess martu. B'hekk ma kienx hemm ghalfejn li l-konvenuta Carmen Zahra tiffirma l-istess garanzija li giet iffirmata mill-konvenut zewgha. Kif gia gie rilevat ma giex ipprovat li l-konvenuta in effett ma kienitx taf bil-fatt li zewgha kien qed jorbot il-komunjoni tal-akkwisti a favur tal-bank attur in konessjoni ma facilitajiet bankarji koncessi lis-socjeta konvenuta;

Barra minn hekk dak li sar bejn il-kovenuti konjugi Zahra fil-kuntratt tas-separazzjoni bl-ebda mod ma jista jeffettwa l-posizzjoni tal-bank attur fil-konfront tal-istess komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn il-konjugi Zahra fiz-zmien li saret din il-garanzija;

Ghandu jinghad ukoll li t-talbiet tal-bank attur kif ridotti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u fit-tieni lok, anke in vista tal-ammissjoni tas-socjeta konvenuta u tal-konvenut, billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited thallas il-bank attur l-ammont komplessiv kif ridott ta' sbatax-il elf tliet mija u hamsa u sittin lira maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm17,365.79) dovuti in konnessjoni ma facilitajiet bankarji koncessi lis-socjeta konvenuta mill-bank attur u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mit-22 ta' Settembru 1998. Tikkundanna l-konvenuti Carmel u Carmen konjugi Zahra bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Rees Furniture Company Limited ghal-hlas tal-imsemmija somma pero dana sal-limitu ta' Lm15,000 u ghal darba wahda biss;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.